# Minuti tas-sittin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

Is-60 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 23 t'Ottubru, 2014.

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, is-Sur Norman Clews, is-Sur Nicholas Azzopardi u s-Sur Joseph Agius.

Il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia daħal għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tad-59 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Joseph Agius tkellem dwar il-proposta li ssir bankina ġdida fi Triq San Leonardu u qal li xi residenti kienu kontra li ssir il-bankina peress illi skond huma ser jonqos l-ispazju għall-ipparkjar. Is-Sur Azzopardi qal li jekk kemm il-darba l-bankina ma tkunx wiesa ħafna m'għandux jintilef il-post għall-ipparkjar.

Iċ-*Chairperson* semma l-problema ta' ilma tax-xita li qiegħed jidħol f'bini fi Triq Ġdida fi Triq San Leonardu u qal li kienet ser issir spezzjoni fuq il-post mill-Perit tal-Kunsill William Lewis.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Iċ-*Chairperson* tkellem dwar il-manutenzjoni ta' toroq u qal li kien ġie ssuġġerit lilu minn uffiċjal fil-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura biex il-Kumitat iressaq formalment it-talba tiegħu biex il-Gvern Ċentrali jgħin sabiex tingħata t-tarmak Triq in-Naħla. Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat qabel unanimament li tintbgħat it-talba bil-miktub lill-Ministru konċernat.

Is-Sur Agius qal li Triq il-Werżieq u parti minn Triq iż-Żarżarell ukoll iridu jiġu rranġati peress illi l-kundizzjoni tagħhom m'hix waħda tajba. Iċ-*Chairperson* qal li x-xogħol ta' għoti ta' tarmak fi Triq Profs JG Baldacchino kien ser jinbeda u jidher li t-talba biex isir dawl fit-triq ser tintlaqa' wkoll.

Item 4 – Korrispondenza

Dwar l-ittra minn residenta ta' Triq l-Għakrux, il-Kumitat qabel unanimament fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Azzopardi, li jieħu passi dwar l-ilmenti rigward sewqan eċċessiv u jgħaddi t-talba li saret lil Transport Malta għall-approvazzjoni biex isiru *road humps* ġodda fit-triq.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Iċ-*Chairperson* qal li kien ser jerġa' jagħmel kuntatt mal-kuntrattur S Mifsud Ltd biex il-blokki tas-sejjieġħ li tressqu minn Triq l-Għakrux jitpoġġew f'post alternattiv.

Iċ-*Chairperson* ippropona wkoll li tintbgħat ittra lir-residenti ta' Triq iż-Żagħrun u Triq is-Sebbelika dwar il-proposta biex it-toroq tagħhom isiru *one way*. Is-Sur Azzopardi ssekonda l-proposta taċ-*Chairperson* u l-Kumitat qabel unanimament.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Farrugia ppropona li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lill-Onorevoli Dr Stefan Buontempo għal-laqgħa kordjali li kellu mal-Kumitat Amministrattiv fejn ġew diskussi diversi punti bil-għan li l-Kumitati Amministrattivi jkomplu jimxu 'l quddiem. Is-Sur Clews issekonda u kulħadd qabel.

Is-Sur Farrugia talab li jinbidlu l-ismijiet tal-pjanċi li jindikaw Triq l-Għakrux.

Is-Sur Agius talab li jinbidlu wkoll l-ismijiet li jindikaw Triq San Leonardu peress illi dawn ukoll iċċaraw u ma jidhrux sewwa.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-61 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 20 ta' Novembru, 2014.

Mario Bartolo
*Chairperson*